\

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 31

L-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**22 ta' Diċembru 2021**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 31.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**31.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-30

**31.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 30 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**31.3.01** Emejl mir-Reġjun Għawdex dwar persuna biex tassisti fit-tqassim tal-Ikla tal-Milied 2021. Is-Sindku ser jassisti fit-tqassim.

**31.3.02** Emejl mir-Reġjun Għawdex dwar rigal ktieb u kartolina tal-Milied għal kull dar li fiha hemm persuna/i li ser jingħataw l-Ikla tal-Milied.

**31.3.03** Emejl mir-Reġjun Għawdex dwar Messaġġ tas-Sindki - Milied 2021. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace ser jirrappreżenta lill-Kunsill f'dan il-messaġġ.

**31.3.04** Emejl mir-Reġjun Għawdex dwar Ifraħ u Ferraħ – Kampanja ta' rigali ta' kotba lit-tfal Għawdxin dan il-Milied.

**31.3.05** Emejl mingħand Dr. Marlene Cini, Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-toroq għal Għawdex dwar tismija ta' żewġ toroq fl-entratura tal-Għasri. Hi talbet pjanta (site plan) b'format differenti minn dak li ssottometta l-Kunsill. Il-Kunsill ser jinkariga Perit għal dan il-għan.

**31.3.06** Rapport tal-Awditur Ġenerali fuq il-Kunsilli Lokali – Sena 2020. Ma kienx hemm kummenti negativi fil-konfront tal-Kunsill tal-Għasri.

**31.3.07** Kopja ta' Mandat ta' Sekwestru Gatt Enterprises Ltd. vs Road Construction Co. Ltd. Is-Sindku spjega li din hija notifika.

**30.3.08** Emejl mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022. Il-Kunsilliera ġew informati sabiex dawk li ser jieħdu sehem jikkonfermaw sal-aħħar tas-sena.

**31.3.09** Emejl mingħand *AME Health & Safety* dwar pakkett ta' *health & safety services*. Il-Kunsill ma ħax deċizjoni dwar dan.

**31.3.10** Kuntratt tal-ġbir ta' skart organiku għas-sena 2022 mingħand il-WasteServ Malta Ltd. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**31.3.11** Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie diskuss u deċiż li wieħed mill-ħaddiema, li naqas ħafna milli jattendi għax-xogħol ma jingħatax l-*performance bonus* u l-anqas l-*allowance* mogħti mill-Kunsill sakemm jibda juri nteress fix-xogħol. Bi żvista din tħalliet barra mill-minuti iżda l-pagamenti tal-laqgħa numru 30 juru dawn id-deċizjonijiet.

## 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**31.4.01** Salvatore Felice Pace ġibed l-attenzjoni dwar is-suġġeriment li għamel il-Kunsillier Sammy Saliba fl-aħħar laqgħa – li jkun hemm kompetizzjoni dwar l-isbaħ faċċata mżejna b'tal-Milied. Salvatore Felice Pace talab biex dan l-avviż isir kmieni (f'Ottubru) sabiex din il-kompetizzjoni tkun tista ssir. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

**31.4.02** Il-Kunsillier Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' konkos fejn saru l-ħitan tas-sejjieħ mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku talab biex isir konkos urġenti u biex il-Kunsill joħroġ sejħa malajr għal dan ix-xogħol. Għal dan il-għan il-Kunsill irid jinkariga Perit. Is-Segretarja qalet li l-ewwel ser tkellem lill-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol (bini ta' ħitan) sabiex tara jekk dan ix-xogħol ta' konkos hux ser isir minnu.

**31.4.03** Is-Segretarja nformat lill-Kunsillier Sammy Saliba dwar it-talba tiegħu biex issir talba għad-devoluzzjoni. Hemm bżonn li ssir mozzjoni bil-miktub u fil-mozzjoni jkun indikat l-użu tal-art li hemm proposta għad-devoluzzjoni. Din se ssir f'laqgħa aktar l'quddiem.

## 31.5 Ħruġ ta' Offerti;

**31.5.01** *Hire and Operation of Plant and Machinery*. Il-kuntratt eżistenti ser jagħlaq u għalhekk hemm bżonn li jerġa jinħareg. Il-Kunsilliera approvaw li din l-offerta terġa tinħareġ.

**31.5.02** Supply of Ready Mixed Concrete, *Steel Fabric Reinforcement and Aggregate*. Il-kuntratt eżistenti ser jagħlaq u għalhekk hemm bżonn li jerġa jinħareġ. Il-Kunsilliera approvaw li din l-offerta terġa tinħareġ.

**31.5.03** *Building of Rubble walls at Garden Street*, Għasri. Il-Kunsilliera qablu li tinħareġ sejħa għal bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Ġonna (fejn twesset it-triq).

**31.5.04** *The Development of a Concept Design for the Embellishment of Għasri Square*. Il-Kunsilliera qablu li din għandha tinkludi traffic management.

**31.5.05** Il-Kunsilliera għażlu l-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni li ser jikkonsisti minn dawn il-persuni: l-Avukat Joshua Grech, il-Perit Manuela Mercieca, Fabian Galea, Chairman: William Sultana u Segretarja tal-bord, Rita Mifsud Attard.

## 31.6 *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv;

**31.6.01** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace għamel mozzjoni verbali biex is-Segretarju Eżekuttiv, Rita Mifsud Attard tingħata l-*performance bonus* bis-sħiħ jiġifieri 10% tal-paga tas-sena 2021. Il-Viċi Sindku, Emanuel Mintoff issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament mill-membri preżenti.

Is-Segretarja rringrazzjat lill-Kunsilliera ta' dan u tal-fiduċja li juru fiha.

## 31.7 Aġġornament tal-Proġett ta' Ġnien Kenn tas-Salvatur;

**31.7.01** L-offerti għax-xogħlijiet u *play equipment* ħargu u jagħlqu f'Jannar. Il-kuntratt mal-Kurja dwar il-kera tal-art għadu ma sarx. Is-Sindku talab li jiġi inkarigat Nutar għal dan il-għan.

## 31.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

**31.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-31 biex tkun approvata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 31. 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**31.9.01** Il-laqgħa ntemmet fid-20.45 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, 21 ta' Jannar 2022.

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv